MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2001

Numru 560/1997

**Il-Pulizija
(Sp. Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Carmel sive Charles Vella ta' 46 sena, iben Emanuel u Vincenza nee Muscat, mwieled Valletta u joqghod "San Juan", No.6, Nazju Ellul Street, Gzira, u li ghandu l-karta ta' l-identita' bin-numru numru 604350 (M).**

**Illum 27 ta' Lulju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel sive Charles Vella li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fid-19 ta'

Gunju, 1995 u matul is-snin ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinstab fl-imsemmi fond ghad-detriment tal-Korporazzjoni tal-Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u ammont li ma jiskorrix l-elf lira Maltija (Lm 1000); u aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju, gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku; u fl-ahhar talli fl-istess perjodu ta' zmien, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigill, tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom. Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez peritali ta' dan il-kaz ai termini tal-Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunses ta' l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jigu decizi b'mod sommarju. (a fol 2).

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat,

Illi rrizulta mill-provi prodotti li meta saret inspection fil-fond "San Juan", No.6, Triq Nazju Ellul, Gzira, instab li l-meter tad-dawl kien imbaghbas. Skond ir-rapport tal-perit tekniku William Cassar Torreggiani irrizulta illi "s-sigilli ta' naha ta' fuq il-cover kien tac-comb u kien maqtugh waqt li l-ohrajn kienu neqsin hlief tas-service box." Inoltre kompla "Illi gewwa l-meter instabet bicca tartuqa trasparenti … " kompla "Illi l-cover kien "loose" jigifieri ma kienx issikat u dan certament ma kienx kif ihalluh l-impjegati ta' l-Enemalta."

Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Silvio Decelis illi bejn id-29 ta' Novembru, 1989 sas-16 ta' Lulju, 1993, jidher li fil-konsum ta' l-elettriku hemm varjazzjoni notevoli. Qal ukoll li ghal li kien hemm fil-fond ta' l-imputat medja ta' hdax-il unit kuljum kienet kompatibbli. Fil-perjodu indikat kif jidher

mir-record of consumption il-units naqqsu sa anke 4.1. Xehed ukoll Silvio Decelis li ghalkemm l-akkuzat ma kienx l-original applicant pero’ l-akkuzat kien ir-registered owner, dawn l-ahhar ghaxar snin u li ghalhekk huwa kien ir-registered consumer fi zmien kopert fil-breakdown of estimate prodott minn Decelis.

Min-naha tieghu l-akkuzat innega li hu kien qatt baghbas fil-meter tad-dawl qabel pero’ mal-media ta’ konsum ta’ units kuljum li wasal ghaliha d-dipartiment kif xehed Decelis. Telgha anke l-prova li l-meter kien jinsab go common part li waqt l-inspection kien anke miksi sew bit-trab. In kontro ezami Cassar Torreggiani qal li l-pozizzjoni li kienet misjuba fiha t-tertuqa li per parentezi kienet zghira, ma setghetx tfixkel il-funzjoni normali tal-meter waqt li qed jirregistra l-konsum. Dan l-ipotesi ghal espert tekniku kienet wahda aktar possibbli pero' mhux probabbli.

Jigi rilevat ukoll illi l-istess akkuzat prezenta dokumenti cioe kontijiet bejn il-perjodu sena 1996-97 tal-Enemalta li juru skond hu l-konsum tal-familja tieghu kompatibbli ma’ dak li xehed Decelis.

Xehed ukoll Anthony Bonello ukoll impjegat tal-Korporazzjoni li xehed li l-akkuzat dejjem hallas il-kontijiet li kienet tibghatlu l-korporazzjoni.

Mehud dana kollu in konsiderazzjoni, tenut kont anke tal-fatt li l-perit tekniku xehed li l-ipotesi tad-difiza kienet wahda possibbli izda mhux probabbli ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li l-akkuzat lahaq il-grad tal-prova li trid minnu l-ligi fl-art 264(2) Kap 9 biex jipprova l-innocenza tieghu min-naha l-ohra in kwantu l-prosekuzzjoni ppruvat “beyond a reasonable doubt” il-kaz taghha, cioe sa dak il-grad impost minnha bil-ligi, qeghda ssib lill-akkuzat Charles Vella hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-art 261, 264, 278 tal-Kap 9, l-art 325 u 17 tal-Kap 9.

Dwar il-piena rat il-Fedina Penali ta’ l-imputat u qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal

zmien sena mil-llum u dan wara li rat l-art 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.